**Il-Ħamis, 2 ta' April 2009**

## Skema ta' Ekotikketta Komunitarja ***I

P6_TA(2009)0209

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' April 2009 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skema ta' Ekotikketta Komunitarja (COM(2008)0401 – C6-0279/2008 – 2008/0152(COD))**

(2010/C 137 E/20)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2008)0401),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 175(1) tat-Trattat KE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0279/2008),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A6–0105/2009),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jinnota d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni annessa ma' din ir-Riżoluzzjoni;

3. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## P6_TC1-COD(2008)0152

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-2 ta' April 2009 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru …/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, ir-Regolament (KE) Nru ….)*

*ANNESS*

**STQARRIJA TAL-KUMMISSJONI**

Indipendentement mill-adozzjoni tar-Regolament dwar l-Ekotikketta, il-Kummissjoni tikkonferma li beħsiebha tipproponi Regolament dwar l-eko-tikkettar talprodotti tas-sajd qabel it-tmiem ta' din is-sena li jkun prin9ipalment ibba at fuq kriterji għal sajd sostenibbli.

"L-istudju previst fl-Artikolu 6(5)a tar-regolament dwar l-Ekotikketta li jittratta mal-aspetti addizzjonali bħall-ippro9essar, l-imballa' minn qabel, l-imballa' u t-trasport, li ser je amina l-fattibbilta tal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Ekotikketta għall-ikel, inklu il-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura, mhux ser jinfluwenza jew jippre udika l-adattament ta' dan ir-Regolament.".

## Il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS) ***I

P6_TA(2009)0210

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' April 2009 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS) (COM(2008)0402 – C6-0278/2008 – 2008/0154(COD))**

(2010/C 137 E/21)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2008)0402),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2), u l-Artikolu 175(1) tat-Trattat KE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0278/2008),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A6-0084/2009),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sostanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.